II

*(Atti mhux leġiżlattivi)*

# REGOLAMENTI

## REGOLAMENT TAL-KUNSILL (UE, EURATOM) Nru 577/2012

**tas-26 ta' Ġunju 2012**

**li jaġġusta l-koeffiċjenti korrettivi li japplikaw għar-remunerazzjoni u l-pensjonijiet tal-uffiċjali u l-ħaddiema l-oħra tal-Unjoni Ewropea**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolamenti tal-Persunal tal-Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea u l-Kundizzjonijiet tax-Xogħol tal-impjegati l-oħra tal-Unjoni, stabbiliti bir-Regolament tal-Kunsill (KEE, Euratom, KEFA) Nru 259/68 [1], u b'mod partikolari l-Artikolu 64 u l-Artikolu 65(2) u 65(3) tar-Regolamenti tal-Persunal u l-Annessi VII, XI u XIII tagħhom, kif ukoll l-ewwel paragrafu tal-Artikolu 20, l-Artikoli 64 u 92 tal-Kundizzjonijiet tax-Xogħol ta' Impjegati Oħra,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

Kien hemm żieda sostanzjali fl-għoli tal-ħajja fl-Estonja fil-perjodu bejn Ġunju u Diċembru 2011, u li l-koeffiċjenti korrettivi applikati għar-remunerazzjoni tal-uffiċjali u impjegati oħra tal-Unjoni għandhom għalhekk ikunu aġġustati.

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

B'effett mill-1 ta' Jannar 2012, il-koeffiċjenti korrettivi li japplikaw, skont l-Artikolu 64 tar-Regolamenti tal-Persunal, għar-remunerazzjoni tal-uffiċjali u l-ħaddiema l-oħra fil-pajjiż imsemmi hawn taħt, huma stabbiliti kif ġej:

L-Estonja 77,8.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ l-għada tal-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fil-Lussemburgu, is-26 ta' Ġunju 2012.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

N. WAMMEN

---

[1] ĠU L 56, 4.3.1968, p. 1.